MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Talba Numru. 2256/2003

**Middlesea Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Anne Marie Zammit sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Anne Marie Zammit**

**Vs**

**Stephen Mifsud**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm293.97c (mitejn u tlieta u disghin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu) jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tad-29 t'Ottubru 2002 fi Triq Sir Patrick Stuart kantuniera ma' Triq Sir Charles Cameron, il-Gzira bejn vettura numru ta' registrazzjoni CBH 629 misjuqa mill-konvenut u proprjeta' ta' l-istess konvenut u vettura numru ta' registrazzjoni ANN 098 misjuqa minn u proprjeta' ta' Anne Marie Zammit.

L-incident gara b’tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluzi tal-konsult legali, u tal-Ittra Ufficjali pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta’ assigurattrici tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talba attrici kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------